

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1283

tat-2 ta' Awwissu 2021

dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni ta' ċerti sustanzi attivi fi prodotti bijoċidali skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 89(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-Anness II tiegħu, ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 ⁽²⁾ jstabbilixxi lista tal-kombinamenti ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodotti eżistenti li huma inklużi fil-programm ta' rieżami tas-sustanzi eżistenti li jinsabu fil-prodotti bijoċidali fit-30 ta' Marzu 2019.
- (2) Għal għadd ta' kombinamenti ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodotti inklużi f'dik il-lista, il-parteċipanti kollha rtiraw, jew qed jitqiesu li rtiraw, l-appoġġ tagħhom fil-ħin.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") ippubblikat stedina miftuħa biex tikseb ir-rwol ta' parteċipant għal dawk il-kombinamenti ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodotti li għalihom ir-rwol ta' parteċipant ma kienx inkiseb qabel. Għal uħud minn dawk il-kombinazzjonijiet ma ġiet sottomessa l-ebda notifika jew in-notifika ġiet rifjutata skont l-Artikolu 17(4) jew (5) ta' dak ir-Regolament. Dawk il-kombinamenti ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodott li, skont il-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014, jenħtieġ ma jiġux approvati għall-użu fil-prodotti bijoċidali, huma dawn li ġejjin: il-metam-sodju (prodotti tat-tipi 9 u 11); it-tiram (prodott tat-tip 9); il-bronopol (prodott tat-tip 9); l-aċidu perossiottanojku (prodotti tat-tipi 2, 3, 4); estratti tal-malt – estratti u d-derivati modifikati fiżikament tagħhom bħal tinturi, konkreti, assoluti, żjut essenzjali, oleoreżini, terpeni, frazzjonijiet ħielsa mit-terpeni, distillati, residwi, u l-bqija, miksuba minn *Hordeum*, *Gramineae* (prodott tat-tip 19); 2,2-Dibromo-2-ċjanoacetamid (prodott tat-tip 13).
- (4) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 12(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014, l-Aġenzija infurmat lill-Kummissjoni b'dawk il-kombinamenti ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodotti li għalihom il-parteċipanti kollha rtiraw, jew qed jitqiesu li rtiraw, l-appoġġ tagħhom fil-ħin, u li għalihom ir-rwol ta' parteċipant kien inkiseb qabel. Dawk il-kombinamenti ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodott li, skont il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014, jenħtieġ ma jiġux approvati għall-użu fil-prodotti bijoċidali, huma dawn li ġejjin: il-fidda, bħala nanomaterjal (prodotti tat-tipi 2, 4, 9); żejt tal-*eucalyptus citriodora* u citronellal, idratat, ċiklizat (prodott tat-tip 19); 2-Idrossi- $\alpha,\alpha,4$ -trimetilċikloezanemetanol (prodott tat-tip 19); diossidu tal-kloru ġġenerat mill-klorit tas-sodju u mill-persulfat tas-sodju (prodotti tat-tipi 2, 3, 4, 5, 11); ammini, C10-16-alkildimetil, N-ossidi (prodotti tat-tip 4); *capsicum oleoresin* (prodotti tat-tip 19); *capsicum annuum*, est. (prodotti tat-tip 19); massa tar-reazzjoni ta' (6E)-N-(4-idrossi-3-metossi-2-metilfenil)-8-metilnon-6-enammid u N-(4-idrossi-3-metossi-2-metilfenil)-8-metilnonanammid (prodotti tat-tip 19).

⁽¹⁾ ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sustanzi attivi elenkati fl-Anness mhumiex approvati għat-tipi ta' prodotti indikati fih.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

—

ANNEX

Kombinamenti ta' sustanza attiva/tip ta' prodott mhux approvati:

Numru tal-Entrata fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1062/2014	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	Tip(i) ta' prodott(i)
9	Bronopol	ES	200-143-0	52-51-7	9
206	Tiram	BE	205-286-2	137-26-8	9
210	Metam-sodju	BE	205-293-0	137-42-8	9, 11
1023	Fidda, bħala nanomaterjal	SE	231-131-3	7440-22-4	2, 4, 9
494	2,2-Dibromo-2-ċjanoacetamid (DBNPA)	DK	233-539-7	10222-01-2	13
1047	żejt tal- <i>eucalyptus citriodora</i> u citronellal, idratat, ċiklizat	CZ	n/a	n/a	19
609	2-Idrossi- α,α ,4-trimetilċikloezanemetanol	CZ	255-953-7	42822-86-6	19
813	Aċidu perossiottanojku	FR	n/a	33734-57-5	2, 3, 4
1044	Diossidu tal-kloru ġġenerat mill-klorit tas-sodju u mill-persulfat tas-sodju	DE	n/a	n/a	2, 3, 4, 5, 11
1064	Estratt tal-malt Estratti tal-malt – estratti u d-derivati modifikati fiżikament tagħhom bħal tinturi, konkreti, assoluti, żjut essenzjali, oleoreżini, terpeni, frazzjonijiet ħielsa mit-terpeni, distillati, residwi, u l-bqija, miksuba minn <i>Hordeum</i> , <i>Gramineae</i>	AT	232-310-9	8002-48-0	19
692	Ammini, C10-16-alkildimetil, N-ossidi	PT	274-687-2	70592-80-2	4
1059	<i>Capsicum oleoresin</i> Estratti u d-derivati modifikati fiżikament tagħhom. Hu prodott li jista' jkun fih aċidi tar-reżina u l-esteri tagħhom, it-terpeni, u l-prodotti ta' l-ossidizzazzjoni jew il-polimerizzazzjoni ta' dawn it-terpeni. (<i>Capsicum frutescens</i> , <i>Solanaceae</i>)	BE	Mhux disponibbli	8023-77-6	19
1060	<i>Capsicum annuum</i> , est. Estratti u d-derivati modifikati fiżikament tagħhom bħal tinturi, konkreti, assoluti, żjut essenzjali, oleoreżini, terpeni, frazzjonijiet ħielsa mit-terpeni, distillati, residwi, u l-bqija, miksuba minn <i>Capsicum annuum</i> , <i>Solanaceae</i> .	BE	283-403-6	84625-29-6	19
1061	Massa tar-reazzjoni ta' (6E)-N-(4-idrossi-3-metossi-2-metilfenil)-8-metilnon-6-enammid u N-(4-idrossi-3-metossi-2-metilfenil)-8-metilnonanammid	BE	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli	19